# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 495**

**It-Tnejn 28 ta' Mejju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fit-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 495.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

495.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 495.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

495.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 614 f'paragrafu 492.4.6 u minflok il-kliem "mas-Sur Joseph Vassallo" jidħol il-kliem "mas-Sur Reuben Vassallo".

495.2.2 Il-minuti tal-492 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 26 t'April, 2018 ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

495.2.3 Il-minuti tal-493 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

495.2.4 Il-minuti tal-494 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

## 495.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

495.3.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Nicholas Desira, rappreżentant ta' *OK Medical Limited,* dwar inizjattiva li qed tiġi proposta biex isir moniteraġġ tas-smigħ madwar il-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

495.3.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività *Annual Presentation Night* flimkien ma' *St Patrick Youth Football Nursery* u li jingħataw *mementos* tal-okkażżjoni.

495.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbidel il-bieb tal-*aluminium* li hemm qabel il-bieb prinċipali tal-Kunsill u minflok kien sar bieb tal-ħġieġ li jinfetaħ b'*access control card*. Is-Sindku qassam *access control card* lil kull Kunsillier.

495.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ixkaffar għal-librerija tal-Kunsill kien ġie ordnat.

495.3.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mal-kumpanija *Malta Textile Recycling* ġiet diskussa l-possibiltà li jibda l-proċess sabiex darba fix-xahar isir ġbir ta' tessuti bieb bieb. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinbeda l-proċess sabiex jinġabru t-tessuti bieb bieb, mill-kumpanija *Malta Textile Recycling*.

## 495.4 Attività Crossroads@Zabbar

495.4.1 Is-Sindku qal illi għal din l-attività kienu nġabru *sponsors* mingħand *Enemed, Malta Tourism Authority, MMG Bar & Bistro, Don Berto, Chain Supermarket, SFC Chicken, Mille Profumi, Banju Boutique, Centro Moda, Clean Malta,* Ronald Bezzina *Street Sweeping,* David Grech *excavation works, Metalco, Zeffies Bistro & Pizzeria* u mingħand *HSBC.*

495.4.2 Is-Sindku tkellem dwar l-attività u qal illi nhar il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju, flimkien mal-għaqdiet Żabbarin, kien ser isir l-armar tal-umbrelel fi Triq il-Kbira. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jattendu.

495.4.3 Is-Sindku qal illi matul din l-attività ma kienux ser jinħarġu permessi għat-tqegħid ta' kjosks u posti sabiex isir bejgħ ta' ikel u xorb ħlief lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, lis-Soċjeta Filarmonica Maria Mater Gratiæ, lill-Grupp tal-Armar u lill-ħanut *The Side Kop* peress illi kien hemm il-propabbilta` li jingħalaq l-aċċess tal-ħanut minħabba l-armar tal-*istage*.

495.4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser isiru flokkijiet tal-okkażżjoni għall-attività *Crossroads@Zabbar* u talab lill-Kunsillieri sabiex wara l-laqgħa jippruvaw is-*size* tal-flokk.

## 495.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

495.5.1 Is-Sur Brian Spiteri staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat dwar meta ser jitlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

495.5.2 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-vandaliżmu li sar fuq il-Mina ta' Hompesch u qal illi kienet ser tinġieb kimika apposta sabiex jitneħħa ż-żejt.

495.5.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser jitwaħħlu żewġ *CCTV cameras* fil-viċinanzi tal-Mina ta' Hompesch u kien hemm il-probabilita` li s-*CCTV cameras* jiġu ffinanzjati mill-Ministeru tal-Enerġija.

495.5.4 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk f'Ħaż-Żabbar kienx hawn *car charging points*. Is-Sindku qal illi kien hemm waħda fi Triq tal-Labour.

495.5.5 Il-Viċi-Sindku qal illi fil-bandli kien qed ikun hemm tfal bir-roti u bil-ballun. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex jingħata s-servizz ta' *security* fi Ġnien il-Kunsill.

495.5.6 Il-Viċi-Sindku talab sabiex jinstab post fejn it-tfal ikunu jistgħu jilgħabu bil-ballun u bir-roti.

495.5.7 Is-Sindku qal illi meta l-Kunsill fetaħ il-grawnd tal-futbol ir-residenti tal-madwar ilmentaw illi t-tfal kienu qed jilgħabu bil-ballun sa tard filgħaxija.

495.5.8 Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa sabiex fl-offerti li jmiss għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi, il-Kunsill jitlob li l-*attendant* tal-latrina jiftaħ u jagħlaq il-grawnd tal-*football*.

495.5.9 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata l-grada mkissra li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

495.5.10 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġi rranġat *railing* imkisser fi Triq Felice ma' Triq ix-Xgħajra.

495.5.11 Is-Sur Joseph Agius irringrazzja lill-Kunsill peress illi kienet ġiet irranġata ħofra perikoluża f'Misraħ San Ġakbu.

495.5.12 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-karru ta' dgħajsa baqa' ma tneħħiex minn Misraħ San Nikola minkejja diversi rapporti.

495.5.13 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata kurduna kif ukoll ċangatura mkissra f' Misraħ San Ġakbu peress illi kienu ta' periklu.

495.5.14 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet quddiem il-Kunsill ilment li rċieviet mingħand ir-residenti dwar sewqan eċċessiv fi Triq il-Kunvent. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex jitwaħħlu tabelli sabiex il-vetturi jnaqqsu l-veloċita.

495.5.15 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir *refresh* taz-*zebra crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-knisja kif ukoll *refresh* taz-*zebra crossing* li hemm quddiem il-Mużew tas-Santwarju.

495.5.16 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq is-Santwarju quddiem il-Każin tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

495.5.17 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi minkejja li saru l-*parking bays* fil-venda l-antika xorta kien qed ikun hemm min qed jimblokka l-karozzi li jkunu pparkjati u għalhekk talab li ssir *keep clear* quddiem il-*parking bays*.

495.5.18 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fl-1 ta' Ġunju 2018 kienu ġejjin grupp ta' anzjani Għawdxin mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem.

495.5.19 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fl-4 ta' Ġunju 2018 kien ser jagħmel *talk* lill-anzjani dwar il-pensonijiet u l-benefiċċji soċjali. Is-Sur Buttigieg qal illi kien stieden lis-Sur Martin Buhagiar sabiex jagħmel din it-*talk*.

495.5.20 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi l-attività għall-anzjani f'Għawdex kienet ser issir fit-5 ta' Lulju 2018. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill

jipprovdi t-trasport minn Ħaż-Żabbar għaċ-Ċirkewwa u lura għall-anzjani. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport għal din l-attività.

495.5.21 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tinżabar siġra fi Ġnien il-Kunsill peress illi kienet ta' periklu.

495.5.22 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kienu nqalgħu kważi l-*bollards* kollha li kien hemm fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp u l-karozzi kienu qed jaqsmu l-kkareġjata.

495.5.23 Is-Sur Roderick Vella qal illi quddiem Scotts Supermarket fi Triq il-Mina ta' Hompesch ukoll kien hemm *bollards* maqlugħa. Is-Sur Bonnici qal illi dawn il-*bollards* kienu nqalgħu wara li sar xogħol mill-Korporazzjoni tal-Ilma.

495.5.24 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex jinżabru s-siġar ta' Triq il-Mina ta' Hompesch.

## 495.6 Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni

495.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2017 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

## 495.7 Offerti dwar il-kuntratti

*Resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018)

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għar-*resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied peress illi Transport Malta waqqfet il-permessi lill-kuntrattur tal-Kunsill *Dimbros Limited* u x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied kien ser isir taħt il- miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proġett irid jitlesta sal-aħħar ta' Awwissu 2018 inkella l-Kunsill jitlef il-fondi Ewropew. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa b'urġenza għall-offerti għar-*resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt il-miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018) li għandha tkun miftuħa għall- perjodu ta' għoxrin ġurnata.

## 495.8 Ħatra ta' Kumitat t'Evalwazzjoni

*Resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018)

495.8.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sindku, lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, lill-Perita Jennifer Busuttil, is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sur Brian Spiteri sabiex ikunu l-

membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea fuq il-proġett ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied.

**495.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

495.9.1 Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mis-27 t'April 2018 sat-28 ta' Mejju 2018 li kienet tammonta għal €47,583.97.

495.9.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'April 2018 li kien jammonta għal €37.69.

**495.10 Mozzjonijiet; u**

495.10.1 Ma kienx hemm mozzjonjiet bil-miktub.

**495.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

495.11.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-496 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku